MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1342/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Marica Camilleri – ID-414187-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-istess Socjeta' attrici l-ammont ta' disa' mija wiehed u sittin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€961.95c), rapprezentanti ammont dovut lis-Socjeta' attrici ghal hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont anness u mmarkat bhala Dok. A u Dok. B).

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament efettiv, izda baqghet inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija wiehed u sittin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€961.95c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------